Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 32**
**Data:** Il-Ħamis, 29 ta' Awwissu 2024
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
H.E Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**32.1 Ittri ta' apoloġiji**

32.1.1 Il-President semma li Dr. Samuel Azzopardi, talab li jkun skużat.

32.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Kav. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva unanimament li Dr. Azzopardi jitniżżel bħala skużat.

**32.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 31**

32.2.1 Il-President qara l-minuti u preżentahom hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

32.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn H.E Clifford Galea Vella, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**32.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 32**

32.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Clifford Galea Vella u l-Kav. Paul Farrugia, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-26 ta' Lulju 2024 u d-29 ta' Awwissu 2024 li kienet tammonta għal €77,060.55.

**32.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 31**

| | |
|---|---|
| **32.4.1 INDIS** | Il-President semma li ltaqa' wkoll ma' CEO tal-INDIS fejn spjega l-urgenza li l-Assoċjazzjoni ilha tibgħat diversi komunikazzjonijiet u li ħadd mill-INDIS ma ħa azzjoni. |
| **32.4.2 Talba għal-Laqgħa mal-President ta' Malta** | Il-President semma li wara l-laqgħa kordjali li kien hemm mal-President ta' Malta nhar it-2 ta' Awwissu, il-President ser tkun qed twassal l-indirizz tagħha waqt il-konferenza organizzata mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali nhar 28 ta' Settembru taħt il-kappa tal-proġett You Matter. |
| **32.4.3 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President spjega sitwazzjonijiet fejn klawżoli mill-Ftehim Kollettiv qed jintużaw sabiex impjegati jkunu jistgħu jiċċaqilqu mill-Kunsill u jmorru Position of Trust u jkollhom Fall Back Position mal-Kunsill. Fid-dawl ta' dan il-Kunsilli qed jispiċċaw mhux talli jitilqu ħaddiema talli jkollu joħroġ sejħiet b'kuntratti definiti li dawn huma diffiċli li jimtlew peress li s-sejħa tkun |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

waħda back to back. Il-President semma wkoll li minn informazzjoni li huwa ngħata persuni li wara erba' snin konsekuttivi li jkunu qed jassumu skala bħala Position of Trust din ma joħduhiex magħhom lura l-Kunsill. Għaldaqstant huwa jrid jaċċerta wkoll li l-ħaddiema li qed jibbenifikaw minn upaid leave sabiex ikunu jistgħu jmorru fi skali ogħla bħala Position of Trust ikunu qed jerġgħu lura l-Kunsill fl-iskala li jkunu telqu biha mill-Kunsill.
Il-President informa lill-Eżekuttiv li jekk kemm-il darba l-Ftehim Kollettiv ikun jinkorpora fih klawżoli vagi li jkunu suġġetti għall-interpretazzjonijiet vagi, l-Assoċjazzjoni mhux ser tkun qed tiffirma dan il-Ftehim.

**32.4.4 ALL Digital Summit**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ġiet mistiedna għal-laqgħa ma' Chairperson tal-ALL Digital Summit kif ukoll ma' rappreżentant ieħor ta' Network sabiex ikun hemm xi kjarifiki żgħar fuq l-Espressjoni ta' Interess li l-Assoċjazzjoni ssottomettiet sabiex turi interess li matul is-sena 2025 ALL Digital Summit jinżamm ġewwa Malta.

**32.4.5 Laqgħa mal-Wasteserv**

Il-President semma li kellu laqgħa ma' Wasteserv fil-preżenza ta' rappreżentanti mill-Ministeru tal-Ambjent u anki l-Ministeru tal-Finanzi sabiex ikomplu jiġu diskussi l-isfidi finanzjari li r-Reġjuni għadhom qed jaffaċċjaw sabiex ikunu jistgħu jkopru l-ispejjeż tal-ġbir ta' skart fuq bażi Reġjonali. Semma wkoll li din il-laqgħa ssejħet mir-Reġjun Punent peress li kien hemm problemi min-naħa tar-Reġjun li xtaqu jitkellmu fuqhom fil-preżenza ta' dawk ikkonċernati.

**32.5 Komunikazzjoni mill-President**

**32.5.1 Laqgħa Plenarja 2024**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tipprova format ġdid għal din is-sena. Semma li ser ikun qed jipprova jgħaqqad diversi laqgħat ta' intress, suġġett u dekasteri differenti sabiex dawk li jattendu jkunu jistgħu jfasslu l-Aġenda tagħhom. Semma li din ser tati opportunità ta' Networking kif ukoll li wieħed jattendi sessjonijiet differenti fl-istess ġurnata. Semma li idealment din tkun mifruxa fuq jumejn.
Il-President propona li din il-laqgħa issir bejn 21 sa 23 ta' Novembru.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **32.5.2 Trasferiment tal-Leave – Segretarju Eżekuttiv** | Il-President ressaq għall-approvazzjoni tal-Kumitat talba mis-Segretarju Eżekuttiv sabiex ikun hemm trasferiment ta' 192 siegħa leave mhux utilizzat sabiex jiġu trasferiti għas-sena 2025. Il-President semma li sabiex is-Segretarji Eżekuttiv jimmaniġja x-xogħol kollu tal-Assoċjazzjoni kif ukoll Reġjun u Kunsill ikun impossibbli biex wieħed jieħu nofs ta' nhari fix-xhur tas-Sajf aħseb u ara kemm wieħed jista' jagħmel użu mill-vacation leave.<br>Għaldaqstant fuq proposta tal-President issekondata minn Kav. Paul Farrugia u approvata unanimament mill-Kumitat li l-Leave kollu li mhux ser ikun intużat jiġifieri 192 siegħa għandu jkun trasferit għas-sena 2025. |
| **32.5.3 Taħriġ fuq Finanzi** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed torganizza workshops sabiex tingħata l-għodda meħtieġa kif wieħed jista' jkun kapaċi jaqra l-accounts. Dawn is-sessjonijiet ser ikunu mqassma fuq tlett ijiem. |

**32.6 Aġġornament**

32.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru fl-erbgħa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 33 li nżammet nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru fl-erbgħa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**